



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5457/23

AGRI 16
AGRIORG 4
AGRIFIN 6

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna - <i>Informazzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Bil-ħsieb tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) tat-30 ta' Jannar 2023, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dokument ta' informazzjoni.

Is-sitwazzjoni tas-suq b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna

L-invażjoni Russa tal-Ukrajna fl-2022 fixklet b'mod sinifikanti s-swieq agrikoli dinjija u ħolqot insigurtà tal-ikel dinjija f'perjodu ta' rkupru ta' wara l-Covid diġà kkaratterizzat minn pressjonijiet inflazzjonarji li jikkonċernaw l-enerġija, il-materja prima, il-fertilizzanti u l-merkanzija. Ir-Russja u l-Ukrajna qabel bdiet il-gwerra kienu esportaturi ewlenin taċ-ċereali, tal-qamħ, tal-qamħirrum, taż-żrieragħ żejtnija (b'mod partikolari tal-ġirasol) u tal-fertilizzanti. Barra minn hekk, l-azzjonijiet biex tintemm gradwalment id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi komplew jaggravaw iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li kienu diġà għolew drastikament wara l-invażjoni Russa tal-Ukrajna. Dan kollu kkaġuna żidiet qawwija fil-prezzijiet għall-prodotti u għall-inputs agrikoli ewlenin.

L-inċertezza fis-swieq agrikoli tal-UE għadha għolja minkejja l-iżblukkar parzjali tal-portijiet Ukreni fil-Baħar l-Iswed u s-suċċess tal-inizjattiva tal-korsiji ta' solidarjetà tal-UE fl-għajnuma lill-Ukrajna biex tesporta l-prodotti agrikoli permezz tar-rotot kollha possibbli – fosthom it-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bl-ilma.

Il-Kummissjoni Ewropea timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni tal-prezzijiet, l-iżviluppi tas-swieq għall-komoditajiet agrikoli u għall-ikel, u tippubblika diversi rapporti matul is-sena. L-aħħar verżjoni tat-tabella tagħha ta' kull xahar tal-indikaturi tal-prezzijiet tal-komoditajiet ippubblikata fil-21 ta' Diċembru 2022, il-prospettiva għal perjodu ta' żmien qasir ippubblikata fil-5 ta' Ottubru 2022 u l-prospettiva għal perjodu ta' żmien medju jinsabu hawn:

https://agriculture.ec.europa.eu/international/agricultural-trade/agricultural-markets-and-prices_en.

L-aġġornament li jmiss tal-prospettiva għal perjodu ta' żmien qasir huwa mistenni fi Frar 2023.

Barra minn hekk, bi tweġiba għat-talbiet tad-delegazzjonijiet, il-Kummissjoni tipprovdi aġġornament regolari bi statistika dwar l-esportazzjoni agrikola mill-Ukrajna u bagħtet informazzjoni li qabblat l-esportazzjoni taċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnin mill-Ukrajna fl-2021 ma' dik tal-2022. L-aħħar verżjoni tal-aġġornament regolari u t-tqabbil ġew ippubblikati fil-Portal tad-Delegati fis-16 u l-20 ta' Jannar rispettivament.

Wara li saru mistoqsijiet importanti dwar is-sigurtà tal-ikel u d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti, fid-9 ta' Novembru 2022 il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti - [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:52022DC0590\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:52022DC0590(01)) - u, fl-4 ta' Jannar 2023, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-fatturi ewlenin tas-sigurtà tal-ikel - https://commission.europa.eu/system/files/2023-01/SWD_2023_4_1_EN_document_travail_service_part1_v2.pdf

Sabiex tmexxi d-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tat-30 ta' Jannar il-Presidenza tistieden lill-Istati Membri biex jikkummentaw dwar il-mistoqsijiet proposti li ġejjin għad-dibattitu ministerjali:

- 1. Is-settur agrikolu u l-katina alimentari fl-Ukrajna qed jiffaċċjaw sfidi kbar. X'azzjonijiet ulterjuri mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri jistgħu jgħinu jtaffu s-sitwazzjoni fl-Ukrajna għal perjodu ta' żmien qasir u fit-tul?*
- 2. Taħsbu li xi setturi agrikoli u/jew reġjuni fl-UE huma partikularment milquta mill-gwerra fl-Ukrajna? Jekk iva, liema azzjonijiet jew miżuri tipprevedu, fosthom l-użu possibbli tar-riżerva għall-agrikoltura, biex bl-aħjar mod itaffu d-diffikultajiet tagħhom? Il-miżuri proposti għandu jkollhom kondizzjonijiet speċjali meħmuża magħhom?*